**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 86**

**Data:** **27 ta' Frar, 2019**

**Hin:** **12.35pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *SegretarjuEzekuttiv* |

---

# AGENDA

86.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

86.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

86.5 Korrispondenza u Rapporti;

86.6 Kalendarju Kulturali;

86.7 Progetti u Xogholijiet;

86.8 Petting Farm;

86.9 Statut tal-Ghaqda Infjoraturi Gharb

86.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

86.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**86.1 Qari tal-ittri ta' apologija**

86.1.1 Ma kien hemm ebda ittra ta' apologija.

**86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

86.2.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

86.3.1 Is-Sindku spjega li l-festival tal-Qaqocc kellu jigi pospost ghal 5 ta' Mejju fejn l-attivita' ser titella' bhala parti mill-programm tal-Ministeru ghal Ghawdex – Gozo Alive. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ssir f'Mejju.

86.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-offerta' tal-muturi qeghda fis-suq. Bhala ftuh tal-offerti l-Kunsill qabel li ghandha tkun Christina Camenzuli, l-ufficjal ezekuttiv tal-Kunsill u Emanuel Muscat, Kunsillier. Gie spjegat li sadanittant ser jigu mistiedna dawk iz-zghazagh li urew interess sabiex jigi spjegat lilhom kif jinhadmu l-muturi u jinghataw lezzjonijiet. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lilhom biex jigu mistiedna ghal din il-laqgha.

86.3.3 Offerti ohra li l-Kunsill ghandu huma tar-resufacing bit-tarmak, Bini ta' Hitan tas-Sejjieh u ta' l-Iscanner ghac-Centru ta' Kreattivita'. Emanuel Muscat staqsa jekk il-Wied tal-Knisja kienx inkluz bhala hitan tas-sejjieh fejn gie ikkonfermat li dan kien inkluz.
F'dan ir-rigward il-Kunsill iddiskuta dwar il-membri tal-bord ta' evalwazzjoni ta' l-offerti'. Bhala offerta' ta' l-iscanner u tal-muturi l-Kunsill qabel li l-Bord ikun maghmul minn Franklin Farrugia, Ing. Marita u Pauliana Said. Fir-rigward tal-offerti tal-Hitan tas-Sejjieh u Tarmak il-Kunsill qabel li jkun maghmul minn Paul Zahra u Pauliana Said. Emanuel Muscat issugerixxa lil Leonard Spiteri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta

u ghaldaqstant il-Bord ser ikun maghmul minn Paul Zahra, Pauliana Said u Leonard Spiteri.

86.3.4 Is-Sindku pprezenta invoice minghand EDEN ghall-ammont ta' €400. Il-Kunsill approva dan il-hlas.

86.3.5 Is-Sindku spjega li kien hemm talba sabiex hajt li jinsab fi Triq tal-Laqxa fil-limiti ta' San Dimitri jigi rrangat peress li qed ikun hemm l-ilma fit-triq kawza tal-hajt u ghaldaqstant jekk dan jitranga l-ilma jista' johrog il-barra u ma johloqx inkonvenjent. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

86.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri li x-xoghol ta' *resurfacing* kien hemm qbil ma' Gatt Tarmac Ltd li jinbeda' mill-gimgha d-diehla peress li din il-gimgha kien hemm l-attivitajiet marbuta mall-karnival. Ghaldaqstant ix-xoghol fi Triq Dun Alwig Mizzi ser jinbdew wara.

Fir-rigward ta' l-attivita' Emanuel Muscat staqsa ghaliex din ser issir f'Marzu u mhux f'April. Gie spjegat li peress il-kalendarju kulturali ta' Ghawdex huwa mimli sew ghax-xahar ta' April din l-attivita' kellha titharrek u ssir f'Marzu.

Tkompliet id-diskussjoni fuq ix-xogholijiet tat-tarmak fejn is-Sindku ssugerixxa li l-kont ta' €70,000 bhala parti minn kontijiet relatati xogholijiet fuq it-toroq jigi mhallas u l-bqija jinzammu bhala garazija. Il-Kunsill qabel li dan l-ammont ghandu jithallas.

86.3.7 Progett EUPA – Is-Sindku spjega li wara li tlesta r-rapport finali l-Kunsill qieghed jigi mitlub sabiex jirrifondi lura ammont ta' flus li jilhaq madwar €33,000 fejn min-naha ta' l-EUPA kienu qed jitolbu li dan jigi rifondut lura bhala ammont globali. Gie spjegat li saru diversi diskussjonijiet ma' l-EUPA u mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u gie ssugerit sabiex il-Kunsill jiehu loan u jithallsu b'installments ta' madwar €5000 fis-sena. Is-Sindku spjega li dan irid isir sa Gunju. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lid-Dipartiment sabiex jittiehed il-*loan* sabiex dan l-ammont ikun rifondut.

**86.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

86.4.1 Ma' kien hemm ebda' mistoqsijiet.

**86.5 Korrispondenza u Rapporti**

86.5.1 Cirkulari Numru SPI 4/2019 – Regolamenti dwar il-Harsien tas-Sigar u l-

Imsagar (L.S. 549.123).

**86.6 Kalendarju Kulturali**

86.6.1 Gie diskuss il-Kalendarju Kulturali bid-dati l-godda. Is-Sindku spjega li huwa kien talab lill-Arcipriet sabiex jghaddi l-attivitajiet tieghu ghal fuq il-leaflet. Is-Sindku ssugerixxa li dan il-kalendarju jigu launched waqt il-konferenza tal-Hot Air Balloon. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

86.6.2 Apparti din qed jigi ffinalizzat ix-xoghol tal-creativity hub fejn ghall-ahhar tax-xahar bidu ta' April isir l-opening tal-creativity hub. Sadanittant il-Kunsill qed ifittex ukoll apparat iehor ghall-Creativity Hub. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffinalizzat ix-xoghol mehtieg biex jigi inawgurat kif previst.

86.6.3 Il-membri tal-Kunsill gew infurmati li bejn il-5 u 7 ta' April il-Kunsill kien gie mistieden sabiex jattendi ghall-attivita' tal-Qaqocc gew Nisemi fi Sqallija. Is-Sindku talab sabiex min mill-membri jixtieq li jattendi huma mitluba jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv ghall-booking mill-iktar fis possibli.

**86.7 Progetti u Xogholijiet**

86.7.1 Kif diga gie diskuss precedentament waqt il-laqgha ser isir ix-xoghol fuq it-toroq.

86.7.2 Gie spjegat li fi Triq Mongur kien hemm talba ghall-bankina. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li din ghandha ssir mill-haddiema tal-Kunsill.

86.7.3 Emanuel Muscat staqsa jekk kienx hemm svilupp fuq it-tarag ta' Triq Gdida fi Triq ta' Sdieri. Sar qbil li wara l-laqgha Emanuel Muscat flimkien mas-Sindku ser imorru fuq il-post sabiex jaraw jekk hux possibli li jsir.

**86.8 Petting Farm**

87.8.1 Is-Sindku spjega li hemm possibilita' ta' fondi ghall-progett ta' Petting Farm fiz-zona ta' San Dimitri. L-unika haga hija li tinsab bicca ghalqa fejn dan jkun jista' jsir. Gie spjegat li jidher li hemm ghalqa li tista' tkun tajba ghal dan il-farm pero' f'dan l-istadju ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet u mhux ghaqli li wiehed jindika dettalji. Sadanittant il-Perit gie inkarigat jara jekk hux possibli li jsir dan il-progett u r-rekwiziti li hemm bzonn. Bhala permess jidher li b'DNO huwa bizzejjed pero' wara certu zmien trid issir applikazzjoni ghall *Full Development Permit.* Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat ukoll li dan it-tip ta' permess jkompli jghin

sabiex fiz-zona ma jkomplux jizdiedu l-fabbriki tan-nar u apparti minnhekk dan il-progett jista' jkun ta' ghajnuna anke ghat-tfal b'dizabilita'. Bhala arrangement ta' kif isir ix-xiri jidher li jkun hemm ammont li jithallas mall-kuntratt u l-bqija jithallsu b'*installments* fuq numru ta' snin. Wara d-diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bil-progett u jara l-possiblita' li dan isir. Is-Sindku spjega li aktar dettalji jistghu jigu diskussi f'laqgha ohra jew jekk ikun hemm il-bzonn isir laqgha qabel bhala aggornament dwar dan l-imsemmi progett.

**86.9 Statut tal-Ghaqda Infjoraturi Gharb**

87.9.1 Gie spjegat li dwar l-istatut ta' l-Ghaqda Infjoraturi Gharb jista' jkun li jkun hemm bzonn li ssir laqgha apposta. Is-Sindku qal li fil-granet li gejjin ser issir laqgha tal-membri. Wara jrid jigi approvat l-istatut u mmexxu bl-applikazzjonijiet u dokumenti ohra necesarji sabiex titwaqqaf din l-NGO.

**86.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

87.10.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali.

87.10.2 Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ta' Niscemi kien qed jitlob li ssir stand b'oggetti meta l-Kunsill imur f'dan il-post. Emanuel Muscat semma' li jkun hemm l-istands li jbieghu affarijiet gewwa l-Villa Rundle pero' fl-istess waqt ikun tajjeb li jkun xi hadd mill-Gharb stess. Il-Vici Sindku ssugeriet li jittiehdu l-mixjiet tal-kampanja fejn sar qbil li jittiehed il-ktieb tal-Country walk ta' Wied il-Mielah fost ohrajn. Sadanittant ser jigi identifikat x'jista' jittella' ghal fuq l-istand.

**86.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

87.11.1 Gie deciz li d-data li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 1 ta' April, 2019 fit-3pm.

87.11.2 Il-laqgha intemmet fis-2.35pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv